**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 108/2013**

**Gemma Debono, Giustu Debono, Josephine mart George Scerri, Doris mart Albert Cassar u Pawlu Debono**

**vs**

**Robert Mercieca**

**Illum 30 ta' Gunju 2016**

Il-Bord:

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti kienu ntavolaw kawza fil-konfront ta' l-intimat, permezz tar-Rikors numru 98/2004/1 deciz minn dan l-Onorabbli Bord fl-4 ta' Ottubru, 2012, ghall-izgumbrament ta' l-istess intimat mill-fond bin-

numru 60, Triq San Bartolmew, Qormi, liema kawza giet deciza favorevolment ghall-intimat billi t-talba hekk maghmula ghall-izgumbrament giet respinta.

2. Illi fil-mori tas-smiegh tal-kawza fuq riferita l-intimat kien gie mgharraf tramite d-difensur tieghu li l-esponenti kienu disposti li jircevu l-kera pagabbli ghall-fond involut minghajr pregudizzju ghad-drittijiet taghhom u ghall-pretensjoni taghhom kif dedotta bil-kawza li giet intavolata kif qed jinghad. L-intimat ghalhekk ma kellux ghalfejn jiddeposita l-kera relativ fil-Qorti.

3. Illi l-intimat xorta wahda ghogbu jghaddi biex jiddeposita l-kera tal-fond fil-Qorti. B’hekk, mill-kera kollu dovut lill-esponenti ghall-perijodu li fih kienet qed tinstema’ l-kawza taghhom, tnaqqset komplessivament is-somma ta’ elfejn, disa’ mija u seba’ u sebghin Ewro u sitta u sittin centezmu (€2,977.66) in linea ta’ spejjez gudizzjarji u drittijiet konnessi mad-depositi tal-kera maghmula mill-intimat.

4. Illi minbarra n-nuqqas imwettaq mill-intimat konsistenti filli, kif gie spjegat, huwa ghadda biex jiddeposita l-kera tal-fond ghalkemm kien mgharraf li ma kellux ghalfejn jaghmel hekk, l-istess intimat qatt ma offra l-hlas tal-kera kif kellu jsir skont il-ligi biex imbaghad jista’ jghaddi ghad-depozitu fil-Qorti, fiz-zmien kollu li ghadda tul is-smiegh tal-kawza riferita.

5. Illi ghalhekk kull depozitu tal-kera maghmul mill-intimat ghandu jitqies illi sar mhux skont il-ligi u bi hsara ingustifikata ghad-drittijiet ta' l-esponenti, fid-dawl ukoll ta' l-gharfien esplicitu li kellu l-intimat dwar il-hlas tal-kera direttament lill-esponenti bir-riserva tad-drittijiet taghhom u senjatament tal-pretensjoni taghhom kif dedotta fil-kawza ghall-izgumbrament.

L-esponenti ghaldaqstant jitolbu, ghar-ragunijiet premessi illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu prevja (i) id-dikjarazzjoni illi d-depoziti tal-kera maghmula mill-intimat kif fuq spjegat ma sarux kif titlob il-ligi u saru bi hsara ingustifikata tad-drittijiet ta' l-esponenti, (ii) jillikwida t-tnaqqis effettwat mill-kera pagabbli lill-esponenti, b'rizultat tad-depoziti maghmula, fl-ammont ta' tlett elef, mija u seba' u sittin Ewro u ghaxar centezmi (€3,167.10), u tordna lill-intimat ihallas lill-esponenti l-istess ammont.

Ra wkoll il-risposta tal-intimat li tghid hekk:

1. Illi l-pretensoni hekk kif dedotta hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi l-Intimat kien gustifikat illi jiddeposta l-kera taht l-awtorita' tal-Qorti wara li ma gietx accettata mir-Rikorrenti u wara li r-Rikorrenti fethu proceduri ta' zgumbrament fil-konfront tieghu liema proceduri ma kellhomx success fil-konfront tieghu;

2. Illi l-Intimat baqa’ jiddeposita l-kera skont il-ligi sakemm tramite l-Avukat tieghu gie informat li ma kienx hemm il-htiega li jibqa’ jwettaq dan u waqaf milli jaghmel dan. Sussegwentement hu hallas dak li kien dovut izda irrifjuta li jhallas xi deduzzjonijiet li saru mill-ammonti iddepositati minnu ghal dak li huma l-ammonti li hu kien lahaq iddeposita taht l-awtorita’ tal-Qorti;

3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghar ebda pregudizzju ghas-suespost, huma r-Rikorrenti li jridu jipprovaw l-ammont li huma qeghdin jitolbu fit-tielet talba;

4. Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi fl-04 ta’ Settembru 2015, ir-rikorrenti ressqu n-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom;

Ra illi fis-17 ta’ Settembru 2015, l-intimat ressaq in-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu;

Ra illi fis-seduta tal-14 ta’ Dicembru 2015 il-partijiet ghamlu trattazzjoni orali finali u l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ra d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza u qies il-provi kollha prodotti;

Ikkunsidra:

Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qed jitolbu illi l-Bord jiddikjara illi d-depoziti tal-kera maghmula mill-intimat ma sarux kif titlob il-ligi u ghalhekk jillikwida t-tnaqqis effettwat mill-kera pagabbli lill-esponenti fl-ammont ta' tlett elef mija u sebgha u sittin Ewro u ghaxar centezmi (€3,176.10) u jordna lill-intimat ihallas l-istess lill-esponenti. L-intimat eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, li l-intimat ddepozita l-kera skond il-ligi sakemm intalab sabiex ma jibqax jiddepozita u sussegwentament hallas kollox ghajr it-tnaqqis li kien sar minn tali depoziti, kif ukoll illi l-ammont mitlub ghandu jigi pruvat.

Illi l-kontestazzjoni ewlenija bejn il-partijiet hija illi r-rikorrenti Gemma Debono tghid illi meta missier l-intimat mar ihallas il-kera bhas-soltu, hi rrifjutat il-kera u nfurmatu li qabel tkompli tircievi l-kera riedet tiehu parir. Tghid li l-intimat ma regax offrielha kera izda beda jiddepozita l-kera fil-Qorti u qatt ma rega' mar joffrilha l-kera biex jara hux se taccettaha wara li hadet dak il-parir. L-intimat jghid li meta missieru mar ihallas il-kera bhas-soltu, r-rikorrenti Gemma Debono ma accettatx il-kera u x'hin staqsieha ghalfejn ma kinitx qed taccetta l-kera hi wegbitu li ghandu jisma' mill-Qorti.

Mill-provi jirrizulta li din il-verzjoni giet konfermata mix-xhieda tal-missier. Mhux biss izda giet konfermata wkoll mill-kawza li giet istitwita mir-rikorrenti. Kien biss lejn l-ahhar ta' dik il-kawza li l-intimat gie mgharraf sabiex ma jibqax jaghmel depoziti l-Qorti ghax ir-rikorrenti kienu lesti li jaccettaw il-kera minghajr pregudizzju minkejja l-proceduri fil-Qorti li kien hemm pendenti bejn il-partijiet. U kif hekk infurmat l-intimat ma komplix jiddepozita l-kera fil-Qorti u hallas l-ammont kollu dovut wara li nqatghu tali proceduri. Fil-fatt normalment meta jinfethu proceduri quddiem il-Bord ir-rikorrent ma jibqax jaccetta l-kera u din tigi depozitata fil-Qorti. Kif sehh fil-kaz odjern. Jekk tassew ir-rikorrenti riedu jaccettaw il-kera setghu jgharrfu b'dan lill-intimat

mill-bidu tal-proceduri u minnflok jiddepozita l-Qorti kien ikun jista' jhallas il-kera direttament lilhom, u dan kif del resto ghamlu lejn l-ahhar tal-kawza.

Fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2014 l-intimat iddikjara li r-rikorrenti mhux mehtiega jressqu provi ulterjuri dwar il-prospett esebit a folio 11, f'liema prospett hemm kalkolu tal-ammont reklamat mir-rikorrenti.

Illi bhala fatt il-Bord ihoss illi l-eccezzjonijiet tal-intimat gew pruvati stante illi l-verzjoni tieghu hija aktar verosimili u aktar kredibbli dwar il-mod kif fil-fatt sehhew il-fatti.

Ghalhekk fadal biss li l-Bord jezamina x'tghid il-ligi f'dan ir-rigward. Illi l-Artiklu 1173 tal-Kodici Civili jispjega kif ghandu jsir d-depozitu filwaqt illi l-Artikli 1174 u 1175 jirrizulta li d-depozitu ghandu jsir wara li tigi rifjutata offerta wahda. Hekk ukoll gie ritenut mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **John M Nicholas vs Gaetano Pace et**[1].

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord qieghed jichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur

[1] Deciza 08 ta' Novembru 1993.